MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 307/2006

**A. Bonavia & Sons Limited**
**(C 25285)**

**Vs**

**Dram Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta` April, 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici, s-somma ta` tliet mija u tliet liri, u tmenin centezmu (Lm303.80), rapprezentanti valur ta` servizzi ta` kiri u gbir ta` skips provdut mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta ghas-sena 2005.

Bl-ispejjez nkluzi dawk ta` l-ittra datata 17 ta` Ottubru, 2005 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi ghas-subizzjoni ta` rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikati legalment l-istess rapprezentanti naqsu u ma deherux la fis-seduta tat-22 ta` Ottubru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta` llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta` l-Att V ta` l-1995, it-Tribunal jilqa` t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Lm303.80, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------